**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' April, 2018**

**Rikors Nru: 265/11 MLF**

**Darren Paul Degabriele u b'digriet ta' din il-Qorti tal-10 t'April 2017, l-atti gew trasfuzi f'isem Carmelo Degabriele, Josephine Degabriele, Malcolm Degabriele u Mireille Degabriele, stante il-mewt tal-attur Darren Paul Degabriele**

**Vs**

**Jerken Decelis**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-attur fejn talab sabiex il-konvenut jigi kkundannat li jhallas is-somma ta' disat elef u hames mitt ewro (Ewro 9,500) rapprezentanti danni pre likwidati, sofferti mir-rikorrent, ai termini ta' skrittura ffirmata bejn il-partijiet, datata 29 ta' April, 2009, (Dokument A), bl-imghaxijiet ta' tmienja fil-mija (8%) mill-istess data, u li liema ammont huwa baqa' ma hallasx, ghalkemm debitament interpellat ghal hlas tal-istess, permezz ta' ittra ufficjali datata .... (sic) ta' Gunju, 2011.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat ir-risposta tal-konvenut Jerken Decelis:

1. Illi t-talbiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-iskrittura tad-29 t'April, 2009 hija bbazata fuq illegalita, kif se jigi pprovat fil-kors tal-kawza.
2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-konvenut kien hallas elf mitejn u hamsin Euro lill-attur a bazi ta' din l-iskrittura.
3. Illi salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Rat is-sentenza preliminari taghha tal-10 ta' Gunju 2015, fejn ghar-ragunijiet hemm esposti, iddikjarat li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hija inammissibbli u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha, bl-ispejjez kontra l-istess konvenut. Il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawza skont il-ligi.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-konvenut u rat li ghalkemm l-atturi inghataw il-fakolta li jipprezenaw nota ta' sottomissjonijiet responsiva, huma baqghu ma pprezentawx din in-nota fit-terminu lilhom prefiss.

Ikkunsidrat:

F'din is-sentenza, il-Qorti mhix se tikkunsidra l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, stante li din il-Qorti diga iddikjarat li din l-eccezzjoni hija inammessibbli, u dan fis-sentenza preliminari taghha fuq citata.

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fid-29 t'April 2009, il-konvenut kien iffirma skrittura privata fejn ikkostitwixxa ruhu debitur versu l-attur fl-ammont ta' €9,500.00, u dan peress li l-konvenut ikkawza hsarat fil-vettura numru DRN-579 tal-marka Toyota MRS.
2. Fl-affidavit tieghu, il-konvenut ammetta li l-attur kien sellfu l-vettura imsemmija sabiex imur jaghmel qadja, u waqt li kien qed isuq habat bil-karozza u l-hsara kienet konsiderevoli.
3. Skont il-verzjoni tal-konvenut, hu ikkuntattja lill-attur fejn infurmah bl-incident u li hu, cioe il-konvenut, ma kellux licenzja tas-sewqan. L-attur qallu li hu kien se jghid lill-Gwardjani Lokali li kien hu li qed isuq u fil-fatt mar fuq il-post fejn sar l-incident u kellem lill-Gwardjani.
4. Skont il-konvenut, xi granet wara l-attur talbu €650 ghal *excess* tal-assigurazzjoni, u l-konvenut tahomlu. Sussegwentement, l-attur qallu li l-assigurazzjoni kienet se thallas il-hsarat tat-terzi biss, u li l-konvenut kellu jhallsu tal-hsarat tal-vettura tieghu.
5. Skont il-konvenut kien ghalhekk, li l-attur hadu ghand l-avukat tieghu fejn iffirma l-iskrittura privata ta' kostituzzjoni ta' debitu ghall-ammont ta' €9,500.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

L-attur – li incidentalment miet fil-mori ta' dawn il-proceduri ma ressaqx provi – pero strieh fuq l-iskrittura privata ta' kostituzzjoni ta' debitu.

Il-konvenut ma cahadx li l-firma fuq l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu in kwistjoni kienet tieghu.

Pero il-konvenut kien inkonsistenti fix-xhieda tieghu. Fit-tieni eccezzjoni tar-risposta tieghu hu jghid li hallas €1,250 lill-attur a bazi ta' din l-iskrittura privata. Fl-affidavit tieghu hu jghid li hallas lill-attur l-ammont globali ta' €850.00 f'okkazjonijiet differenti a bazi ta' din l-iskrittura. Fil-kontro-ezami tieghu, l-konvenut jghid li kien hallas lill-attur €4000.00 minn dak l-ammont, u li l-attur qatt ma tah ircevuta.

Fil-kontro-ezami tieghu, l-konvenut jghid li dawn €4000.00 kien itihomlu €400.00 fix-xahar. Issa skond l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu, il-pagamenti kellhom ikunu ta' €300.00 fix-xahar.

Fl-affidavit tieghu, il-konvenut jghid li hu ta l-ammont ta' €850 lill-attur f'okkazjonijiet differenti u dejjem b'theddid, u sahhansitra jghid li f'okkazzjoni wahda l-attur tah daqqa ta' mobile fuq rasu. Min-naha l-ohra, in kontro-ezami jghid li l-€400 fix-xahar kien itihomlu missieru, u hu kien itihom lill-attur.

Fl-affidavit tieghu il-konvenut jghid li hu ghandu *"suspett"* li l-attur thallas tal-hsarat kollha, inkluzi dawk fil-vettura tieghu mis-socjeta tal-assigurazzjoni, u mhux tal-hsarat ta' terzi persuni biss. Fil-kontro-ezami jghid li hu waqaf ihallas l-€400 fix-xahar, meta sar jaf li l-attur kien ha l-flus minghand is-socjeta assiguratrici.

Apparti l-inkonsistenzi enormi fix-xhieda tal-konvenut, u anke ma dak li eccepixxa fir-risposta tieghu, il-konvenut naqas li jipproduci provi biex jissostanzja dak li qed jallega. L-iktar prova lampanti li hija nieqsa, hija li l-attur thallas minghand is-socjeta assiguratrici ghall-hsarat sofferti fil-vettura tieghu. Dan seta' facilment jaghmlu billi jtella' rapprezentant tas-socjeta assiguratrici biex jixhed dwar il-flus li hallset lill-attur rigward l-incident awtomobilistiku in kwistjoni.

F'dan l-istat tal-provi, din il-Qorti certament ma tistax lanqas tghid li l-konvenut irnexxielu jipprova t-tieni eccezzjoni tieghu, u cioe li hallas l-ammont ta' €1,250.00, stante li fl-affidavit tieghu jghid li hallas ammont inqas u in kontro-ezami jghid li hallas ferm izjed.

Tenut kont tal-inkonsistenzi kollha fix-xhieda tieghu, kif ukoll bejn dak li xehed u t-tieni eccezzjoni tieghu, fl-opinjoni tal-Qorti l-konvenut ma hux xhud kredibbli, la f'dak li xehed fl-affidavit tieghu u lanqas f'dak li xehed in kontro-ezami. Fin-nuqqas ta' provi ohra, fl-opinjoni tal-Qorti, il-konvenut ma rnexxielux jipprova sal-grad tal-probabbli li hu hallas xi ammont determinat lill-attur mill-ammont lilu dovut skond l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, fil-waqt li tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi is-somma ta' disat elef u hames mitt Euro (Euro 9,500) bl-imghaxijiet ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-iskrittura, u cioe mid-29 ta' April, 2009, bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Maġistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Reġistratur**